MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 633/2010

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**Ritienne Sammut (ID No: 444279M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-17 ta’ Mejju 2010, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba mija u seba’ u sebghin Ewro u tmenin centezmu (€477.80) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Sema’ x-xhieda tal-konvenuta waqt is-seduta tal-17 ta Jannar 2011, fejn l-istess konvenuta ammettiet it-talbiet tas-socjeta attrici;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici tas-somma ta’ erba mija u seba’ u sebghin Ewro u tmenin centezmu (€477.80) bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------